REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1177

tal-10 ta' Lulju 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-ġelatina, tal-interjuri għat-taħwir u tax-xaħmijiet imdewba

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(4) u l-Artikolu 41(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([2]) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika u tal-annimali għall-importazzjonijiet tal-ġelatina, tal-interjuri għat-taħwir u tax-xaħmijiet imdewba.

(2) It-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu I u t-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali.

(3) L-Eġittu pprovda lill-Kummissjoni b'garanziji suffiċjenti għall-kontrolli mill-awtorità kompetenti fuq il-produzzjoni tal-ġelatina. Għaldaqstant, huwa ġġustifikat li l-Eġittu jiżdied mal-lista ta' pajjiżi terzi minn fejn il-ġelatina tista' tiġi importata fl-Unjoni.

(4) L-interjuri għat-taħwir għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi jistgħu jinkisbu minn annimali domestiċi iżda wkoll minn annimali selvaġġi mbiċċra jew maqtula għall-konsum mill-bniedem. Huwa opportun li l-lista ta' pajjiżi terzi eliġibbli għall-importazzjoni ta' interjuri għat-taħwir tiġi allinjata ma' referenza għal-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni ta' laħam ta' annimali tal-kaċċa salvaġġa għall-konsum mill-bniedem.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1261 ([3]) introduċa metodu alternattiv, ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-EFSA ([4]), għall-produzzjoni ta' fjuwils li jistgħu jiġġeddu. Huwa opportun li jitħallew l-importazzjonijiet ta' xaħmijiet imdewba msemmija fl-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 biex jintużaw fil-metodu alternattiv il-ġdid minħabba li l-użu tal-istess materjali huwa permess fl-Unjoni. Il-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat skont it-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1261 tat-12 ta' Lulju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward ta' metodi alternattivi għall-ipproċessar ta' ċerti xaħmijiet immaċinati (ĠU L 182, 13.7.2017, p. 31).

([4]) Scientific Opinion on a continuous multiple-step catalytic hydro-treatment for the processing of rendered animal fat (Category 1)(*EFSA Journal* 2015;13(11):4307).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Tabella 1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu I, ir-ringiela 5 hija sostitwita b'dan li ġej:

"5	Ġelatina u proteina idrolizzata	Il-materjali tal-Kategorija 3 msemmija fl-Artikolu 10(a), (b), (e), (f), (g), (i) u (j), u, fil-każ tal-proteina idrolizzata: il-materjali tal-Kategorija 3 msemmija fl-Artikolu 10(d), (h) u (k).	Il-ġelatina u l-proteina idrolizzata jridu jkunu ġew prodotti f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tal-Anness X.	(a) Il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u l-pajjiżi li ġejjin: (KR) Il-Korea t'Isfel (MY) Il-Malasja (PK) Il-Pakistan (TW) It-Tajwan (EG) L-Eġittu (b) Fil-każ tal-ġelatina u tal-proteina idrolizzata mill-ħut: Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE.	(a) Fil-każ tal-ġelatina: l-Anness XV, il-Kapitolu 11. (b) Fil-każ tal-proteina idrolizzata: l-Anness XV, il-Kapitolu 12."

(b) fit-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II, ir-ringiela 13 hija sostitwita b'dan li ġej:

"13	Interjuri għat-taħwir għall-manifattura tal-ikel għall-annimali domestiċi	Il-materjali msemmija fl-Artikolu 35(a)	L-interjuri għat-taħwir iridu jkunu ġew prodotti f'konformità mal-Kapitolu III tal-Anness XIII.	Il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li minnhom l-Istati Membru jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' laħam frisk mill-istess speċi u minn fejn laħam bl-għadma biss ikun awtorizzat. Fil-każ ta' interjuri għat-taħwir minn materjali tal-ħut, il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE. Fil-każ ta' interjuri għat-taħwir li joriġinaw mit-tjur, il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur frisk. Fil-każ ta' interjuri għat-taħwir minn ċerti mammali salvaġġi terrestri u leporidae, il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 119/2009, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' laħam frisk mill-istess speċi.	Anness XV, Kapitolu 3(E)."

(c) fit-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II, ir-ringiela 17 hija sostitwita b'dan li ġej:

"17	Xaħmijiet imdewba għal ċerti skopijiet 'il barra mill-katina tal-għalf għall-annimali mrobbija	(a) Fil-każ ta' materjali maħsuba għall-produzzjoni tal-bijodiżil, tal-prodotti oleokimiċi jew tal-fjuwils li jistgħu jiġġeddu msemmija fil-punt L tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV: Il-materjali tal-Kategoriji 1, 2 u 3 msemmija fl-Artikolu 8, 9 u 10. (b) Fil-każ ta' materjali maħsuba għall-produzzjoni tal-fjuwils li jistgħu jiġġeddu msemmija fil-punt J tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV: il-materjali tal-Kategoriji 2 u 3 msemmija fl-Artikoli 9 u 10. (c) Fil-każ ta' materjali maħsuba għall-fertilizzanti organiċi u għall-materjali li jtejbu l-ħamrija: il-materjali tal-Kategorija 2 msemmija fl-Artikolu 9, il-punti (c), (d) u (f)(i) u l-materjali tal-Kategorija 3 msemmija fl-Artikolu 10, ħlief fil-punti (c) u (p). (d) Fil-każ ta' materjali maħsuba għal skopijiet oħra: il-materjali tal-Kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 8, il-punti (b), (c) u (d), il-materjali tal-Kategorija 2 imsemmija fl-Artikolu 9, il-punti (c), (d) u (f)(i) u l-materjali tal-Kategorija 3 msemmija fl-Artikolu 10, ħlief fil-punti (c) u (p).	Ix-xaħmijiet imdewba għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 9.	Il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u, fil-każ ta' materjali tal-ħut, il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE.	Kapitolu 10(B) tal-Anness XV."